

# Biż-żejt fil-lampa

***Min jista' jirċievi s-Sagrament tal-Morda? X'effetti jħalli f'min jirċevih?***

Is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda jagħti grazzja speċjali lill-insara li jkunu għaddejjin mid-diffikultajiet ikkawżati minn mard gravi jew mix-xjuħija.

Kull nisrani li jimrad b'mod gravi jew ikun se jagħmel operazzjoni serja jista' jirċievi dan is-sagrament, u jista' jerġa' jirċevih jekk il-kundizzjoni medika tiegħu tmur għall-agħar.

## Ġesu' ifejjaq

Il-Vanġeli jirrakkontaw li Ġesù kien ifejjaq ħafna morda matul il-missjoni pubblika tiegħu. Ried iħalli dan is-sagrament biex ikun qrib il-morda ta' kull żmien.

Nafu kif il-morda kienu jersqu jew jitwasslu lejn Ġesù. Kienu jfittxu li jmissuh "għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd".

Hija realtà kbira u sabiħa meta nirrealizzaw li f'dan is-sagrament Kristu <u>llum</u> għadu "jmiss" lilna jew lill-għeżież tagħna biex iwasslilna l-fejqan tiegħu!

## L-appostli bi sħab miegħu

F'din il-missjoni ta' fejqan, Ġesù ried isieħeb lill-appostli tiegħu. Huwa stess bagħathom f'ismu biex ixandru s-Saltna tiegħu, ikeċċu x-xjaten u jfejqu l-morda.

Naqraw li "ħarġu jxandru biex in-nies jindmu, u keċċew bosta xjaten u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom" (Mk 6,12-13).

Wara li qam mill-imwiet Ġesù jfakkarhom f'din il-missjoni importanti li tmiss b'mod hekk dirett il-ħajja tal-bnedmin u jgħidilhom: "F'ismi tqiegħdu jdejkom fuq il-morda u dawn ifiequ" (Mk 16,17-18).

Il-Knisja, mill-bidunett tagħha, obdiet dan il-kmand ta' Ġesù, tant li fl-Ittra ta' Ġakbu nsibu hekk: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; u t-talba tal-fidi ssalva lill-marid u l-Mulej iqajmu, u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu" (Ġak 5,14-15).

### Iż-Żejt

Dan is-sagrament huwa amministrat minn isqof jew minn saċerdot. Jintuża ż-żejt li jkun tbierek mill-isqof f'Ħamis ix-Xirka filgħodu jew, f'każ ta' emerġenza, jitbierek mis-saċerdot li jiċċelebra s-sagrament. Il-kelma "Griżma" tfisser "Dilka", propju għax f'dan is-sagrament isir dlik biż-żejt.

### X'effetti jħalli

*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (paragrafi 1520-1523; 1532) jagħtina għadd ta' effetti. Il-grazzja ewlenija ta' dan is-sagrament hi waħda ta' faraġ, paċi u kuraġġ biex il-persuna tegħleb id-diffikultajiet tal-marda jew ta' xjuħija dgħajfa.

Bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu, il-Mulej jagħti l-fejqan tar-ruħ u, jekk tkun ir-rieda tiegħu, jagħti wkoll il-fejqan tal-ġisem.

Dan is-sagrament jaħfer ukoll id-dnubiet, jekk il-marid ma jkunx diġà kiseb din il-maħfra bil-Qrar.

Barra dan, is-sagrament iħejji lin-nisrani biex jgħaddi għall-ħajja ta' dejjem.

